**71. L-Onor. Chris Said jipproponi:**

Billi nhar it-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2017 seħħ l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;

Billi l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia huwa theddida mill-aktar gravi lill-Istat Malti u lis-saltna tad-dritt;

Billi l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia ġab il-kundanna u l-istmerrija tal-Membri ta' din il-Kamra, tal-ogħla awtoritajiet ta' pajjiżna, tal-korpi kostitwiti, tas-soċjetà ċivili, tal-poplu Malti u Għawdxi kif ukoll tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u ta' diversi pajjiżi barranin; u

Billi l-poplu Malti u Għawdxi huwa ħerqan li mhux biss jitressaq quddiem il-ġustizzja min wettaq u ordna l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia iżda wkoll li dak li kitbet matul ħajjitha jiġi investigat u li tittieħed azzjoni kontra min jirriżulta li wettaq atti ta' korruzzjoni, abbużi ta' poter jew reati oħra jew naqas milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi.

Għalhekk din il-Kamra tirriżolvi li:

1. L-Onor. Prim Ministru għandu jaħtar Bord ta' Inkjesta skont l-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex:
    a. jinvestiga u jeżamina l-imġiba ta' uffiċjali pubbliċi u uffiċjali u impjegati ta' kull korp imwaqqaf b'ligi fid-dawl tal-allegazzjonijiet li saru dwarhom fil-kitbiet tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;
    b. jeżamina t-tmexxija ta' kull dipartiment tal-Gvern jew ta' kull korp imwaqqaf b'liġi, fosthom iżda mhux biss tal-Korp tal-Pulizija, tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) u ta' oħrajn fid-dawl tal-allegazzjonijiet li saru dwarhom fil-kitbiet tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;
    c. jeżamina kull ħaġa oħra li taqa' taħt il-funzjonijiet jew ir-responsabbilità ta' xi dipartiment jew korp bħal dawk jew xort'oħra li għandha x'taqsam ma' jew tolqot servizz tal-Gvern fid-dawl tal-allegazzjonijiet li saru dwarhom fil-kitbiet tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;
    d. jiddetermina x'atti ta' korruzzjoni, abbużi ta' poter jew reati oħra twettqu mill-imsemmija persuni u entitajiet u x'nuqqasijiet twettqu mill-imsemmija persuni u entitajiet fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom skont il-liġi; u
    e. jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa u opportuni b'riżultat tal-konklużjonijiet li l-Bord jasal għalihom.

2. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkun kompost minn tliet imħallfin irtirati minn fost dawk l-imħallfin irtirati li huma magħrufa għall-integrità u l-onestà tagħhom, b'wieħed minnhom iservi bħala *Chairman*, maħtura mill-Prim Ministru wara riżoluzzjoni tal-

Kamra tad-Deputati li jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra.

3. Il-Prim Ministru għandu jipprovdi lill-Bord ta' Inkjesta dawk il-mezzi, ir-riżorsi u s-sostenn loġistiku li fil-fehma tal-istess Bord ta' Inkjesta jkunu meħtieġa sabiex iwettaq l-inkarigu mogħti lilu.

4. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkollu aċċess sħiħ u illimitat għal kull oġġett, dokument, rapport, informazzjoni, evidenza, *file*, kompjuter, programm jew data miżmuma b'mod elettroniku li jinsabu fil-pussess tal-Gvern u ta' kull dipartiment tal-Gvern jew ta' korp imwaqqaf b'liġi, fosthom iżda mhux biss, tal-Korp tal-Pulizija, tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU), ukoll jekk xi liġi tgħid mod ieħor.

5. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Prim Ministru u lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati fl-istess ħin u mhux aktar tard minn sitt xhur data tal-lum u r-rapport għandu jiġi ppubblikat minnufih u b'mod sħiħ mill-Iskrivan tal-Kamra.

31.10.17

**L-Onor. Byron Camilleri ressaq din l-Emenda “A”:**

B’referenza għall-Mozzjoni 71 għandu jitneħħa l-kliem minn “Billi l-assassinju tal-ġurnalista” sal-kliem “jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi”, u minflok daħħal is-segwenti:

“Billi l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia huwa theddida mill-aktar gravi għal-libertà tal-espressjoni hekk kif ikun kull attakk fuq kull ġurnalist f’kull pajjiż;

Billi l-Pulizija Eżekuttiva, il-Forzi Armati ta’ Malta u s-Servizzi tas-Sigurtà wettqu ħidma eċċellenti, megħjunin minn forzi investigattivi u forensiċi barranin, biex jitressqu l-Qorti nies akkużati bil-qtil makabru ta' Daphne Caruana Galizia fi żmien qasir ħafna minkejja l-kumplessità tal-każ;

Billi l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia ġab il-kundanna u l-istmerrija tal-Membri ta’ din il-Kamra, tal-ogħla awtoritajiet ta’ pajjiżna, tal-korpi kostitwiti, tas-soċjetà ċivili, tal-poplu Malti u Għawdxi kif ukoll tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u ta’ diversi pajjiżi barranin;

Billi kemm qabel kif ukoll wara l-elezzjoni ġenerali ta’ din is-sena, is-Sinjura Daphne Caruana Galizia kienet għamlet numru ta’ allegazzjonijiet dwar diversi persuni li jokkupaw karigi Kostituzzjonali fuq iż-żewġ naħat tal-Kamra;

Billi l-allegazzjonijiet li saru qabel l-elezzjoni ġenerali llum huma soġġetti għall-inkjesti Maġisterjali indipendenti u awtonomi, uħud minnhom fuq talbiet speċifiċi tal-Prim Ministru u ta’ Membri oħra ta’ din il-Kamra;

Billi pajjiżna bħala pajjiż demokratiku u Ewropew għandu rispett sħiħ lejn is-saltna tad-dritt u għandu istituzzjonijiet li jaħdmu liberi minn kull indħil f’qafas legali li jsostni dan fir-rispett sħiħ lejn l-ogħla valuri demokratiċi Ewropej. Dan jixhdu ukoll il-fatt illi l-Gvern preżenti daħħal u qed ikompli jipproponi diversi liġijiet u miżuri oħra li jsaħħu r-responsabbilità, l-ugwaljanza, il-libertà tal-espressjoni u s-saltna tad-dritt fil-pajjiż; u

Billi pajjiżna għandu istituzzjonijiet li jaħdmu u huma effettivi, fosthom il-Pulizija Eżekuttiva, il-Forzi Armati ta’ Malta u s-Servizzi Sigrieti, tant li ttellgħu l-Qorti persuni akkużati bil-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia f’qasir żmien b'ħidma impekkabbli u bi professjonalità kbira.”.

**L-emenda għaddiet f’Seduta Nru 67 tat-Tlieta 19 ta’ Diċembru 2017**

**Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ressaq din l-Emenda "B":-**

B'referenza għall-Mozzjoni 71 għandu jitneħħa l-kliem minn "1. L-Onor Prim Ministru għandu jaħtar" sal-kliem "konklużjonijiet li l-Bord jasal għalihom", u minflok daħħal is-segwenti:

"1. Tfaħħar u tirringrazzja lill-Forzi kollha tal-ordni tal-ħidma eċċellenti li huma wettqu sabiex iressqu l-Qorti persuni akkużati bil-qtil makabru ta' Daphne Caruana Galizia;".

**L-emenda għaddiet f'Seduta Nru 67 tat-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017**

**L-Onor. Edward Zammit Lewis ressaq din l-Emenda “C”:**

B’referenza għall-Mozzjoni 71 għandu jitneħħa l-kliem minn “2. Il-Bord tal-Inkjesta għandu”, sal-kliem “żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra”, u minflok daħħal is-segwenti:

“2. Tfakkar li huwa fl-interess tad-demokrazija li persuni f’karigi kostituzzjonali jkunu suġġetti għal skrutinju pubbliku;”.

**L-emenda għaddiet f’Seduta Nru 67 tat-Tlieta 19 ta’ Diċembru 2017**

**L-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi ressaq din l-Emenda "D":**

B'referenza għall-Mozzjoni 71 għandu jitneħħa l-kliem minn "3. Il-Prim Ministru għandu" sal-kliem "b'mod sħiħ mill-Iskrivan tal-Kamra", u minflok daħħal is-segwenti:

"3. Tħeġġeġ lill-Gvern ikompli jibni fuq is-suċċessi li wettaq f'qasir żmien u jkompli jsaħħaħ b'iktar riformi s-saltna tad-dritt u d-demokrazija ta' pajjiżna.".

**L-emenda għaddiet f'Seduta Nru 67 tat-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017**